

Kawża C-182/06

L-Istat tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu

vs

Hans Ulrich Lakebrink u Katrin Peters-Lakebrink

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour administrative)

“Artikolu 39 KE — Taxxa fuq id-dħul ta’ persuni mhux residenti — Kalkolu tar-rata tat-taxxa — Beni immobbli li jkunu jinsabu fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor — Telf ta’ dħul minn kiri ta’ immobbli mhux ikkunsidrat”

Konklużjonijiet ta’ l-Avukat Ġenerali P. Mengozzi, ippreżentati fid-29 ta’ Marzu 2007	I - 6707
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-18 ta’ Lulju 2007	I - 6721

Sommarju tas-sentenza

Moviment liberu tal-persuni — Ħaddiema — Trattament ugwali — Remunerazzjoni — Taxxa fuq id-dħul
(Artikolu 39 KE)

L-Artikolu 39 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermettix lil ċittadin Komunitarju, mhux residenti fl-Istat Membru fejn jaqla' d-dħul li jikkostitwixxi l-parti l-kbira tad-dħul taxxabbli tiegħu, li jitlob it-teħid in kunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-rata tat-taxxa applikabbli għall-imsemmi dħul, ta' telf ta' dħul minn kiri ta' immobbli li ma jgħix fihom personalment u li jinsabu fi Stat Membru ieħor, filwaqt li persuna residenti ta' l-ewwel Stat tista' titlob it-teħid in kunsiderazzjoni ta' l-imsemmi telf ta' dħul minn kiri ta' immobbli.

Fir-rigward ta' taxxi diretti, is-sitwazzjoni tar-residenti u dik tal-persuni mhux residenti mhumiex, bħala regola ġenerali, komparabbli, b'tali mod li l-fatt, għal Stat Membru, li ma jħallix li kontribwent mhux residenti jibbenefika minn ċerti vantaġġi fiskali li huwa jagħti lil kontribwent residenti mhuwiex, bħala regola ġenerali, diskriminatorju peress illi dawk iż-żewġ kategoriji ta' kontribwenti mhumiex f'sitwazzjoni komparabbli.

Is-sitwazzjoni hija madankollu differenti f'każ fejn il-persuna mhux residenti ma tirċevix dħul sinjifikattiv fl-Istat fejn hija residenti u tikseb il-parti l-kbira tad-dħul taxxabbli tagħha minn attività eżerċitata fl-Istat Membru fejn hija impjegata, b'tali mod li l-Istat ta' residenza ma jkunx f'pożizzjoni li jkun jista' jagħtiha l-vantaġġi li jirriżultaw mit-teħid in kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni personali u familjari tagħha, billi d-diskriminazzjoni tikkonsisti fil-fatt li din ta' l-aħħar mhijiex meħuda in kunsiderazzjoni fl-Istat ta' residenza u lanqas fl-Istat fejn hija impjegata.

Ir-ratio li fuqha hija bbażata din id-diskriminazzjoni tirrigwarda l-vantaġġi fiskali kollha marbuta mal-kapaċità kontributtiva tal-persuna mhux residenti li ma tittiħidx in kunsiderazzjoni fl-Istat ta' residenza u lanqas fl-Istat fejn hija impjegata, peress li l-kapaċità kontributtiva tagħmel parti mis-sitwazzjoni personali ta' persuna mhux residenti.

(ara l-punti 28-31, 34, 36 u d-dispożittiv)